**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Martin Sammut )**

**Vs**

**David Jonathan Spiteri**

Kumpilazzjoni Numru: 723/2007

**Illum 21 ta' Ottubru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Jonathan Spiteri ta' 18-il sena, iben Joseph u Giovanna nee' Tonna, imwieled fl-20 ta' Dicembru 1988 fil-Pieta', residenti fil-fond , Block B12, Flat 3, Triq Pietru Darmenia, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 34589M:

Talli fl-24 t'Awwissu 2007, ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Mark Debono f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tir t'arma tan-nar fuq il-persuna ta' Mark Debono, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, permezz ta' l-istess tir sparat minn arma tan-nar, ikkaguna feriti li tista' tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem fuq il-persuna ta' l-istess Mark Debono, liema feriti

jikkwalifikaw li huma ta' natura gravi kif gie ccertifikat mit-tobba tal-isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, jew garr minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u cioe' pistol tad-ditta Rigarmi, u numru tas-serje mhux maghruf, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna li gie fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjoni, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, spara arma tan-nar u cioe' pistol ta' ghamla Rigarmi f'post pubbliku ghaldaqstant mhux il-barra minn mitejn metru mill-abitat.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 55 tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal- Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41 u 51 tal- Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fir-regolament 18(2) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, Legislazzjoni Sussidjarja 504.71;
- Fl-artikolu 56 tal- Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat gie akkuzat originarjament b'attentat ta' omicidju billi spara tir t'arma tan-nar fl-24 ta' Awwissu 2007 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu fuq il-persuna ta' Mark Debono, b'attentat ta' ferita gravi u diversi imputazzjonijiet ohra in konnessjoni mal-arma u li spara arma tan-nar f'post pubbliku. Min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirrizulta izda li l-imputat issa jinsab akkuzat li kkaguna ferita gravi fuq Mark Debono u dan oltre' diversi imputazzjonijiet ohra.

Illi mix-xhieda ta' dak iz-zmien l-ispettur Martin Sammut jirrizulta li l-Pulizija gew infurmati fl-24 ta' Awwissu 2007 li kmieni filghodu kienet sehhet sparatura gewwa stabiliment f'Paceville, fil-Footloose Bar. Il-persuna li kienet giet feruta kien Mark Debono, parte civile f'dawn il-proceduri, li naturalment ittiehed l-isptar. L-istess spettur gie nfurmat li fis-7.15a.m ta' l-istess gurnata kien hemm individwu li mar l-ghassa ta' Hal Luqa minn jeddu, ta ruhu f'idejn il-pulizija u stqarr li kien huwa li spara gewwa l-bar. Din il-persuna kien proprju l-imputat. Fil-frattemp l-istess spettur beda jinvestiga u jkellem lil nies li setghu jitfghu dawl fuq dak li sehh. Il-Magistrat Inkwirenti acceda wkoll fuq il-lok. Kienet ukoll instabet l-arma tad-delitt f'vettura tal-marka Volkswagen ta' kulur ahdar, registrazzjoni numru LCB 709. Saru l-ezamijiet tal-*gun shot residue* fil-kwartieri tal-pulizija

fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti. Il-vittma u l-imputat ma kienux jafu lil xulxin qabel dan l-incident. Jirrizulta li fiz-zmien tal-incident, l-imputat kien ilu jkellem lit-tfajla Frances Agius ghal erba' xhur u kienet qeghda tghix mieghu. Hu Frances Agius, Marvin Mallia introduca lil ohtu ma' Mark Debono dakinhar stess tal-incident gewwa l-istess bar.

Illi Marvin Mallia jixhed kif wara x-xoghol baqa' sejjer Paceville u mar il-Footloose Bar. Hemmhekk ra persuna jismu Peter u wara sar jaf lil Mark Debono. Fil-bar kien hemm ukoll ohtu Frances Agius u l-gharus taghha ossija l-imputat. Huwa jaf li f'hin minnhom ra lil ohtu bilqeghda fuq *box* u Mark Debono kien hdejha jkellimha u ghamel idu madwar spallitha. Dak il-hin ra lill-imputat hareg il-barra. Ra lill-imputat f'waqt minnhom dahal lura fil-bar u mar wara Mark Debono. Ix-xhud ighid li mar hdejh ghaliex haseb li se jiggieldu. Ma kienx hemm argument bejniethom. Dak il-hin dawwar idu ma spallet Debono, ghemzu u qallu 'Hawn kugin, hux veru li inti l-kugin tieghi?'. Debono qallu iva li kien kugin tieghu, sema hoss bhal qisha faqqatura u ra lil Mark Debono niezel mal-art. Kif ra lil Mark Debono ma' l-art dar, hares madwaru u telaq il-barra. Ma rax armi izda mal-hoss tal-faqqatura hass qisu *blast* ma' zaqqu. Huma imbaghad ra lill-akkuzat sejjer mal-bar izda imbaghad telaq il-barra jidhirlu ma' oht ix-xhud.

Jirrizulta imbaghad mix-xhieda ta' PS412 Anton Buttigieg li huwa flimkien ma' l-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti u l-istess Magistrat Inkwirenti u l-ispettur sabu arma tal-marka Rigarmi liema arma giet elevata ghal aktar stharrig. Din hija arma zghira bil-manku abjad li fiha kellha bullet fil-kanna u fil-magazine kellu 4 ohra. Din l-arma instabet f'karozza tal-marka Volkswagen Vento ta' lewn ahdar taht is-seat tal-passiggier. PC 1525 Patrick Farrugia, espert mahtur, jixhed li ma nstabu ebda impronti digitali fuqha.

PS72 Bernard Galea xehed li proprju fl-24 ta' Awwissu 2007 kien xoghol fl-ghassa ta' Hal Luqa. Ghall-habta tas-seba' ta' filghodu mar l-imputat fl-ghassa u ammetta max-xhud li ftit tas-sieghat qabel kien huwa l-persuna li spara fuq persuna ohra gewwa bar f'Paceville. L-imputat kien pjuttost agitat izda ma kellux riha ta' xorb fuqu. L-imputat ikkonfermalu l-versjoni darbtejn.

WPC 244 Oriella Degabriele xehdet li l-imputat m'ghandux licenzja biex izomm arma tan-nar.

Il-parte leza Mark Debono xehed li wara li spicca mix-xoghol ta' barman, nizel flimkien ma' zewg kollegi tieghu jiehdu drink. Marru fil-bar footloose. F'hin minnhom shabu telqu izda huwa baqa' ftit aktar. Meta kien hiereg sejjahlu persuna li kien jaf di vista. Kif kien hemm laqqghu ma' tfajla li introducihielu bhala ohtu. Ma damx wisq jitkellem maghhom. Kif kien sejjer ra koppja Irlandiza li kien diga' jaf li kienu qeghdin mal-bar u waqaf ikellimhom. Kien wiccu lejn il-bar. F'hin minnhom jaf li sema' hoss u hass wega' f'dahru lejn il-genb fuq in-naha tax-xellug. Huwa beda jistaqsi x'kien gara u f'daqqa wahda hass saqajh jirtodu, ceda u waqa' fl-art. Gie rikoverat l-isptar. Gie operat billi rrizulta mill-X-Ray li kellu bullet fih. Kellhom jifthulu t-tul ta' zaqqu kollha. Il-bullet dahlet f'dahru fuq in-naha ta' wara ezatt, laqtet xi ghadma u baqghet diehla fl-imsaren. Kien ghadu qed ibati b'effett taghha billi jbati biex joqghod bil-wieqfa ghaliex isofri minn ugiegh kemm f'saqajh kif ukoll f'zaqqu, apparti trauma mentali. Huwa ma rax lill-persuna li sparatlu ghaliex huwa nduna li sparawlu mill-X-Ray. Dakinhar ma kellu argument ma' hadd. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2009 xehed li huwa u l-familja tieghu ghaddew minn zmien difficli izda wara sentejn, akkwista sahhtu u m'ghadux ibati mill-ebda konsegwenzi u hafer lill-imputat.

Frances Agius xehdet li kien Mark Debono li mar fuqha u mhux kif qalet fl-istqarrija u li meta l-imputat rah b'idejh imdawra ma' spallitha indunat li kien irrabjat u dan billi kien ighir ghaliha.

Dr George Felice xehed li meta Mark Debono ddahhal l-isptar mill-X-Ray irrizulta li kien hemm ksur tal-ghadma tal-hip u li kien hem *foreign body* li rrizultat *bullet* fl-*abdomen.* Operawh. Fethuh minn fuq s'isfel fin-nofs ta' l-abdomn. L-organi ta' gewwa l-abdomen kienu intatti u ma kien hem l-ebda hsara fihom izda fir-*retro peritenial area* cioe' fuq in-naha ta' wara l-abdomen kien hemm *haematoma* u nstabet il-bullet. Din il-bullet tnehhiet u l-abdomen rega' inghalaq. Il-pazjent irkupra tajjeb. Bhala konsegwenza tal-gerha minhabba l-operazzjoni jistghu jiffurmaw xi hjut fl-istonku izda bhala konsegwenzi ohrajn apparti l-iscar ta'

l-operazzjoni stess ma jidhirx li ghandu jkun hemm konsegwenzi ohrajn serji.

Dr Mario Scerri, espert forensiku, ikkonkluda mill-ezamijiet li wettaq fuq Mark Debono li l-balla ppenetrat l-*abdominal cavity* u kkagunat frattura fl-*iliac bone* tax-xellug u dawn huma lezjonijiet ta' natura gravi u li l-penetrazzjoni tal-missila fl-*abdominal cavity* setghet ikkagunat il-mewt ta' Debono.

Il-Brigadier Maurice Calleja kif ukoll PS602 Jonathan Attard, esperti, xehdu li kienu elevaw skartocc mil-bar Footloose u pistola tal-marka Rigarmi tal-kalibru 6.35 u tat-tip *semi-automatic* mill-vettura b'registrazzjoni numru LCB 709. Irrizultalhom li l-iskartocc gie sparat mill-istess pistol li giet elevata u li l-bullett li laqtet lil Mark Debono kienet sparata minnha. Huma stabilew li l-isparatura sehhet fil-vicin hafna peress li ezaminaw lill-vittma u raw il-ferita li kien garrab izda ma kinitx *contact firearm wound*.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn jispjega x'gara u x'wasslu sabiex jispara lil Mark Debono. Bazikament huwa ra lil Debono b'idejh imdawrin fuq spallejn it-tfajla tieghu u dan il-fatt dejjaq hafna lill-imputat u ddecieda li ried jehles minnu u kwindi mar gab il-pistola minn taht is-seat tal-karozza, dahlilha l-magazine, ikkargaha, dahal fil-bar, sab lil Debono u sparalu. L-imputat jixhed li f'dik il-lejla huwa kien xorob ammont mhux zghir ta' alkohol.

Stabilit dan kollu, din il-Qorti se tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

L-ewwel imputazzjoni

Illi l-imputat jinsab akkuzat li huwa kkaguna ferita gravi a tenur tal-artikoli 214, 215, 217 u 218.

Illi minn dak fuq stabilit din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova oltre d-dubbju dettat mir-raguni li l-imputat fid-data msemmija permezz tal-pistola tal-marka Rigarmi kiesah u biered spara mill-vicin hafna fuq Mark Debono gewwa l-Footloose bar. L-ebda argument ma kien sehh bejniethom izda l-imputat iddejjaq mill-atteggjament ta' Mark Debono li skontu ha

kunfidenzi zejda ma' dak iz-zmien it-tfajla tieghu. Dan kollu huwa wkoll ammess mill-istess imputat fl-istqarrija tieghu li huwa rrilaxxja volontarjament u wara li huwa stess ta ruhu b'idejh lill-Pulizija ftit sieghat biss wara l-akkadut.

Illi inkwantu ghall-ferita sofferta minn Mark Debono jirrizulta mir-rapport tal-espert Dr Mario Scerri li lezjonijiet huma ta' natura gravi u li l-penetrazzjoni tal-missila fl-*abdominal cavity* setghet ikkagunat il-mewt ta' Debono. Ma jirrizultax mill-atti izda li l-offiza mgarrba ikkagunat xi debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem. Ma kienx hem kwistjoni li l-offiza setghet gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz u naturalment is-subartikolu (c) ta' l-artikolu 218(1) tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli ghal ragunijiet ovvji billi l-parte leza mhux mara. L-istess Mark Debono meta xehed sentejn wara l-akkadut jixhed li rkupra sahhtu lura u ma kellux konsegwenzi serji.

Illi fis-sottomissjoni finali d-difiza eccepiet l-iskuzanti taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali ossija li li l-imputat kien taht l-influwenza ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt ma setax iqis eghmilu. Id-difiza qeghda tissolleva tali eccezzjoni invista ta' dak li xehed il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 2015. Dr Spiteri jixhed li l-imputat ilu taht il-kura tieghu ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin u jarrah regolarment. Huwa jizhed dwar it-tfulija u l-adoloxxenza iebsa li kellu l-imputat. Bhala konsegwenza ta' dan l-imputat qabad il-vizzju tal-alkohol u anki tal-kokajina u eventwalment dahlet l-aspett tal-paranoia. Dr Spiteri jixhed li huwa ma kienx jaf lill-imputat waqt l-esekuzzjoni tar-reat izda l-fatt li kien igorr pistol, li jahseb li n-nies huma kontra tieghu u l-fatt li kien qieghed jiehu l-kokajina kien jawgura li jkollu *drug induced psychosis.* Fit-tlett snin li ilu jsegwih Dr Spiteri ghamel id-dijansjoni tieghu ta' *dual diagnosis* minn fejn irrizultalu wkoll li l-imputat ibati minn *impulse control disorder* li hija kundizzjoni fejn persuna jsibha bi tqila biex jikkontrolla lilu nnifsu u jagixxi kif suppost u minn *obsessive compulsory disorder.* L-imputat illum il-gurnata mexa 'l quddiem. Hareg mill-vizzju tad-droga u jiehu l-kura li ghandu bzonn.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Borg** mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1]:*"Id-difiza illi l-appellant kien taht influwenza immedjata ta' passjoni stantanja jew agitazzjoni tal-mohh hija permessa mill-Ligi pero biex ikollha success irid jirrizulta illi kien hemm provokazzjoni gravi u illegali, b' tali mod illi nies f'temperament ordinarju, komunament igib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dan ifisser it-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif seta' hasibha l-appellant dak il-hin ta' l-incident."*

Mill-provi migjuba din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni m'ghandhiex tintlaqa'. Ma jirrizultax li kien hemm xi provokazzjoni gravi u llegali minn Mark Debono fil-konfront tal-imputat. Ma sehh ebda argument bejniethom. Lanqas kienu jafu lil xulxin qabel dakinhar. Kull ma sehh kien li Debono ghamel idu madwar spallet it-tfajla tal-imputat. Huma damu jitkellmu biss ftit minuti u Debono ma baqax hdejha. Kwindi oggettivament persuna ta' temperament ordinarju ma kinitx tagixxi bil-mod kif agixxa l-imputat. Id-difiza targumenta li gara minhabba l-istat mentali tal-imputat, izda din il-Qorti m'ghandhiex elementi bizzejjed biex tista' tasal ghal tali konkluzjoni anki ghaliex ma jirrizultax lanqas li l-imputat dakinhar assuma xi droga u oltre' minn dan meta ftit sieghat wara l-akkadut mar u ta ruhu b'idejh lill-pulizija deher li kien jaf x'kien qieghed jaghmel, irrakkonta dak kollu li gara b'mod car u limpidu.

Ghaldaqstant l-imputat se jinstab hati taht l-artikoli 214, 215, 216(a) u 217 izda mhux taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

<u>It-tieni, tielet u r-raba' imputazzjonijiet indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Illi dawn l-imputazzjonijiet gew ilkoll ippruvati.

Infatti gie ppruvat li l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-pistola Rigarmi meta ma kienx licenzjat u li huwa garr l-istess arma. Inoltre' din il-pistola kienet proprju l-arma li permezz taghha l-imputat spara fuq Mark Debono.

[1] 1 ta' Marzu, 2012

L-imputazzjoni taht ir-regolament 18(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71

Illi din il-legislazzjoni sussidjara tipprovdi ghal regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi. Il-kaz odjern ma jinkwadra bl-ebda mod taht din il-legislazzjoni w ghadaqstant l-imputat se jigi liberat minn tali imputazzjoni.

Inkwantu ghall-piena li se tigi erogata, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li taghhom se jinstab hati l-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt li Mark Debono hafirlu u l-fatt li rrizulta li l-imputat ibati minn kundizzjoni hekk kif spjegat mill-psikjatra li jsegwih. Illum l-imputat hareg mill-vizzji tal-alkohol u droga u miexi tajjeb u ma regax xellef dufrejh mal-ligi. Mill-banda l-ohra r-reati li wettaq huma serji. Madankollu ma tqisx li ghandha timpani piena karcerarja effettiva izda wahda sospiza u billi l-imputat jehtieglu ghajnuna psikologika se tordna wkoll il-hrug ta' ordni ta' supervizjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' dik il-parti ta' l-ewwel imputazzjoni fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju fejn l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita gravi ai termini ta' l-artikolu 218 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-hames imputazzjoni fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju u ghaldaqstant tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216(1)(a)(i) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 5(1)(2), 41, 51 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni biss inkwantu ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mark Debono a tenur ta' l-artikolu 216(1)(a)(i) u hati tat-tieni, tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontrih u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-

digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' tlett elef tlett mija tnejn u disghin Euro u disgha u sebghin centezmi (€3,392.79) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. Il-hati qieghed jinghata sentejn (2) zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre' a tenur ta' l-artikoli 23 tal-Kodici Kriminali u tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-pistola Rigarmi u tal-magazine u l-bullets ezebiti f'dawn il-proceduri.

Inoltre' wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parte leza qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali ghaf-favur ta' Mark Debono taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat